# Il-KOMUNJONI

# FID-DOKUMENTI
# TAS-SINODU DJOĊESAN

SERJE VALURI TAS-SINODU – 2

SINODU MALTA

Matul is-Sinodu Djoċesan, fi proċess ta’ dixxerniment, ġew identifikati sitt valuri fundamentali. Dawn huma l-valuri bażiċi li wieħed isib fid-dokumenti tas-Sinodu Djoċesan.

Dawn huma: l-evanġelizzazzjoni, il-komunjoni, il-formazzjoni, id-djalogu, il-qadi, is-solidarjetà.

Dan il-ktejjeb jagħti r-referenzi prinċipali li wieħed isib għall-komunjoni fid-dokumenti tas-Sinodu

Wieħed għandu jikkonsulta d-dokumenti nfushom biex ikollu t-test sħiħ.

Ħajr lil Dun Joe Mizzi li ġabar flimkien dawn ir-referenzi.

**Viżjoni ta' Knisja komunjoni**

- Komunjoni ta' mgħammdin – preż;
- Komunjoni ta' aħwa – preż, 8;
- Ngħixu aktar l-ispiritwalità ta' komunjoni – preż;
- Miġburin flimkien f'għaqda tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu – preż, 56;
- B'komunjoni nifhmu dik ir-rabta ta' mħabba li tgħaqqadna flimkien – 8;
- Fir-rabta tagħha mal-bnedmin l-oħra, il-Knisja nistgħu nħarsu lejha wkoll bħala oħt – 8;
- Il-Knisja bħala oħt tgħin fit-twettiq tal-komunjoni tal-bnedmin ma' Alla u bejniethom – 8;
- Knisja hija sinjal li juri l-komunjoni u strument li jagħmel li sseħħ il-komunjoni tal-bnedmin ma' Alla u tal-bnedmin kollha bejniethom – 14;
- Il-Knisja hi sagrament u skola ta' komunjoni – 14, 54;
- Din il-komunità ssir xhieda tal-komunjoni li hemm fit-Trinità Qaddisa – 15;
- It-Trinità Qaddisa hi l-pedament u l-għajn ta' kull komunjoni – 54;
- Biex ngħixu din il-komunjoni rridu nsaħħu dejjem is-sens tal-identità tal-gruppi differenti li hemm fostna – 17;
- Knisja = id-dar u l-iskola tal-komunjoni – 17;
- Knisja li tissaħħaħ fil-komunjoni ta' rwoli, kariżmi u ministeri differenti li jikkollaboraw flimkien – 17;
- L-ispiritwalità tal-komunjoni ma tistax tibqa' biss idejal; dan l-idejal jeħtieġ jitqiegħed fil-prattika – 18, 54;
- Knisja komunjoni ta' kariżmi u ta' ministeri diversi – 17;
- L-isqof huwa l-animatur prinċipali ta' din l-ispiritwalità ta' komunjoni – 19;
- Il-komunjoni għandha tissarraf f'azzjonijiet, strutturi u politiki konkreti, anzi stil ta' ħajja sinodali – kemm fuq livell ta' djoċesi – 39, kemm fuq livell ta' parroċċi kif ukoll fuq livelli oħra – 20;

- Il-komunjoni tintwera bil-parteċipazzjoni fiċ-ċelebrazzjonijiet djoċesani – 20;
- Il-Kunsilli Presbiterali u Pastorali (djoċesan u parrokkjali) għandu jkollhom infrastruttura tajba u jkollhom is-saħħa biex iwettqu bis-serjetà s-servizz mitlub minnhom – 20;
- Spirtu ta' kordinament veru – 21, 22;
- Knisja fejn jitħaddem tassew il-prinċipju tas-sussidarjetà – 22;
- Il-komunjoni tidher f'konsultazzjoni vera – 23;
- Il-komunjoni tidher meta s-saċerdoti jaħdmu aktar id f'id bejniethom u ma' kulħadd – 24;
- Il-komunjoni tgħinna nifhmu aktar is-sehem tal- mara – 26;
- Niskopru mill-ġdid kemm il-kariżmi reliġjużi kif ukoll id-dimensjoni kontemplativa li hemm fil-Knisja – 27;
- Ir-reliġjużi jgħixu l-kariżma tal-komunjoni u jagħtu xhieda tagħha – 27;
- L-ispiritwalità tal-komunjoni hi meħtieġa biex tagħti ħajja lill-komunitajiet ta' ħajja konsagrata – 28;
- Komunjuni ma' djoċesijiet oħra – 30;
- Komunjoni li tkun tidher fir-relazzjonijiet ma' membri ta' reliġjonijiet oħra – 30;
- Infasslu l-eżistenza kollha tagħna u l-komunjoni ta' bejnietna fuq l-eżempju li jagħtina Ġesù – 32;
- Komunjoni mhijiex tassew komunjoni jekk ma jkunx hemm komunità li tapprezza lill-membri tagħha – 37.
- Ġemellaġġi ma' djoċesijiet fil-missjoni; ta' parroċċi ma' dawk fil-missjoni – 42

## Kultura – Soċjetà – Knisja

- Il-Knisja Kattolika tista' tingħaqad mal-knejjes u komunitajiet insara oħra biex tinħoloq komunità wiesgħa nisranija u biex dejjem jikber ir-rispett reċiproku – 10;
- Sew il-lajċi u sew ir-reliġjużi li jgħallmu fl-iskejjel tal-Knisja għandu jkollhom formazzjoni fil-kollaborazzjoni flimkien – 40;

- Fejn jidħlu l-festi, tkun traġedja kbira li ma nintlaqgħux fid-djar tan-nies għax inkunu qed inżommu ma' naħa jew oħra – 62;
- L-operaturi pastorali, speċjalment il-kleru, huma msejħa biex dejjem jagħtu xhieda ta' għaqda u ftehim fiċ-ċirkustanzi tal-festa – 63;
- Il-ħafna korsijiet ta' formazzjoni provduti minn diversi entitajiet huma bla dubju imprezzabbli, imma jeħtieġ li jkun hemm kordinament – 76.

## Lajċi Nsara

- Karatteristika tal-poplu nisrani hi l-għaqda komunitarja fejn mill-imħabba ta' bejnietna nintgħarfu li aħna dixxipli ta' Ġesù – 1;
- Aħna msejħa biex inkunu poplu wieħed – 1;
- Il-lajċi jagħtu sehemhom fil-parroċċa f'kollaborazzjoni sħiħa mas-saċerdoti – 12;
- Jeħtieġ jitħaddem bis-serjetà mudell ta' Knisja inqas piramidali u aktar ta' komunjoni bi Kristu fiċ-ċentru – 22;
- Meħtieġa iżjed komunjoni bejn l-għaqdiet "ġodda" u dawk "tradizzjonali" – 29;
- Jeħtieġ li ma jkollniex frammentazzjoni tal-għaqdiet għax din tfixkel il-kollaborazzjoni ta' bejnietna- 30;
- Ir-relazzjoni bejn għaqda u oħra fi ħdan il-Forum hi pjuttost skarsa mis-sens ta' Knisja – 32;
- Irid ikun hemm rispett lejn u bilanċ bejn ir-rwoli kollha fil-mixja komuni tal-Poplu ta' Alla lejn il-Missier – 43;
- Naħdmu flimkien billi ma jkunux organizzati attivitajiet paralleli u biex is-servizzi tal-assoċjazzjonijiet jiġu inkorporati fil-pjan parrokkjali- 71.

**Xandir tal-Kelma**

- Id-dokument jitlob li l-istrutturi jkunu aġġornati u mibdula fejn meħtieġ biex ikunu dejjem għas-servizz tal-Kelma u biex jaħdmu b'kordinament sħiħ – preż;
- Rigward il-gruppi, jeżisti sparpaljar ta' enerġija. Hemm nuqqas ta' tolleranza u nuqqas ta' ħidma ma' gruppi oħra fl-istess Poplu ta' Alla. Jeħtieġ li l-ħidma tal-gruppi tkun aktar kordinata – 16;
- Is-siwi tal-mezzi ta' komunikazzjoni jitkejjel daqskemm huma mezz ta' għaqda fost l-ulied ta' Alla mxerrda mal-erbat irjieħ tad-dinja – 21;
- Għalkemm qiegħda ssir ħafna ħidma, jidher li ftit hemm kordinament fl-użu tar-riżorsi. Uħud jaħdmu l-biċċa tagħhom mingħajr ma jafu jew jagħtu każ ta' dak li qegħdin jagħmlu l-oħrajn – 27;
- Jeħtieġ jikber iżjed il-kordinament fid-djoċesi bejn is-saċerdoti, ir-reliġjużi u l-gruppi lajkali – 27;
- Il-Forum tal-Għaqdiet u l-Movimenti Kattoliċi għandu jkun organu ħaj li jgħaqqad dawn il-ħidmiet favur ix-xandir tal-kelma – 29, 40;
- Hemm bżonn ta' kordinament bejn il-ħidmiet ta' xhieda u xandir li twettaq il-Knisja f'Malta, biex ix-xandir tal-Kelma jsir b'mod aġġornat u kordinat-35;
- Il-Knisja f'Malta trid tgħaqqad ir-riżorsi biex inxandru l-Kelma b'mod effikaċi u effettiv – 37;
- Il-Knisja f'Malta toħloq infratruttura ta' komunikazzjoni bejn l-entitajiet kollha tagħha. Id-djoċesi għandu jkollha nies b'esperjenza li jistgħu joħolqu, isostnu din l-infrastruttura u jgħallmu l-użu tagħha. Barra milli tgħin biex tgħaqqad il-Knisja f'Malta, din l-infrastruttura tgħin fix-xandir tal-Kelma – 45.

## Liturġija u Sagramenti

- Kull għemil liturġiku mhuwiex xi għemil privat, imma hu ċelebrazzjoni tal-Knisja, li hi l-għaqda tal-imgħammdin – 3;
- Għandu jsir sforz biex jinħoloq dejjem aktar ambjent ta' komunità fil-ġemgħa li tiċċelebra, li tgħin biex in-nies iħossu dejjem aktar is-sens ta' appartenenza – 5;
- F'kull parroċċa, u speċjalment fejn hemm għadd ta' knejjes, għandha ssir evalwazzjoni tan-numru tal-quddies u ssir ri-organizzazzjoni tal-ħinijiet bil-għan li l-quddies jaqdi l-bżonnijiet tal-komunità u jirrispetta r-riżorsi umani li għandha l-parroċċa – 15;
- Iċ-ċelebrazzjonijiet komunitarji tar-rikonċiljazzjoni għandhom jiġu ċċelebrati b'mod regolari fil-parroċċi – 37;
- Iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ għandha sura komunitarja li titlob is-sehem tal-komunità parrokkjali jew almenu ta' xi wħud mill-komunità – 46.

## Djakonija u Ġustizzja

- Ma rridux nikkompetu – 26;
- Ikollna nammettu li n-nuqqas ta' kollaborazzjoni li teżisti hija inaċċettabbli – 27;
- Sħubija vera twassal għal servizz aħjar, billi naqsmu bejnietna r-riżorsi u nevitaw duplikazzjonijiet – 27;
- Sħubija mal-Istat – 27;
- Meta r-riżorsi tagħna qegħdin isiru aktar limitati tajjeb nifhmu l-qawwa li tinsab fi sforz komuni u fi qsim ta' idejat, esperjenza u riżorsi – 33.

## Żwieġ u Familja

- Iż-żwieġ hu l-għaqda intima tal-ħajja u tal-imħabba bejn il-miżżewġin – 4;
- Alla tagħna hu Alla wieħed fi tlett persuni, f'komunjoni perfetta – 7;
- Meta koppja miżżewġa tistqarr li hija maħluqa xbieha ta' Alla, it-tnejn ikunu qed jgħidu li huma msejħin biex iħobbu kif iħobb Alla, f'għaqda ta' persuni li tagħti l-ħajja – 7;
- Relazzjoni b'saħħitha u komunikazzjoni tajba jitolbu li l-mara u r-raġel ikunu mhux indipendenti imma inter-dipendenti – 13;
- Meta l-ewwel impenn tal-koppja jkun lejn xulxin, qabel kulħadd, allura t-tnejn se jħossu sigurtà u se jħossuhom sostnuti minn xulxin – 16;
- Rigward il-kors ta' tħejjija għas-sagrament taż-żwieġ, ikun aħjar jekk il-forzi ngħaqqduhom fi spirtu ta' servizz u mhux naqsmuhom u nxerrduhom – 31;
- M'għandux ikun hemm kompetizzjoni jew duplikazzjoni ta' xogħol mas-servizzi li joffri l-Moviment ta' Kana – 34.

## Adolexxenti u Żgħażagħ

- Il-komunità għandha dmir li ssostni ż-żgħażagħ li huma attivi fil-mixja tagħhom fil-fidi u fir-relazzjoni ma' Alla, tismagħhom u tilqa' l-ħidma tagħhom bħala xhieda ta' Kristu u tal-Aħbar it-Tajba tiegħu fost iż-żgħażagħ sħabhom – 8;
- Il-Knisja hi l-ġisem ta' Kristu u kull membru tagħha, waħdu jew ma' oħrajn, huwa responsabbli li jgħix il-vokazzjoni tiegħu f'armonija mal-ġisem kollu. Ma jistax jibqa' tollerat li fil-pastorali, id ma tkunx taf x'inhi tagħmel l-oħra. Jinħass li hemm nuqqas ta' kordinament u komunikazzjoni fil-pastorali taż-żgħażagħ li jirriżulta f'duplikazzjoni u ħela ta' riżorsi b'detriment għaż-żgħażagħ stess. Barra minn hekk, diversi għaqdiet u movimenti jħossuhom maqtugħa u b'nuqqas ta' appoġġ fil-ħidma pastorali tagħhom – 15;

- Għal kull distrett għandu jiġi allokat *youth minister* li xogħlu jkun li jġib 'il quddiem, isaħħaħ, u janima l-ħidma pastorali maż-żgħażagħ f'dak id-distrett – 22;
- Il-komunità nisranija hija l-post privileġġjat tal-laqgħa mal-Mulej. Ħafna drabi, iżda, il-Knisja tista' tidher mhux tant bħala post ta' komunjoni ma' Alla u bejnietna, iżda iżjed bħala istituzzjoni jew organizzazzjoni – 23;
- Filwaqt li tinħass l-uniċità u l-libertà tal-membri ta' kull għaqda jew grupp, għandha ssir kollaborazzjoni kemm jista' jkun sħiħa bejn gruppi differenti – 26;
- Hemm rabta sħiħa bejn id-dimensjoni komunitarja u l-liturġija – 48;
- Aktar kollaborazzjoni bejn iċ-ċentri tal-istess post rigward ħidma pastorali fil-qasam tad-divertiment – 58;
- Ikunu inkoraġġiti forom ta' assoċjazzjonijiet bejn iż-żgħażagħ – 58;
- Ikun ikkunsidrat kuntatt ma' djoċesijiet Ewropej biex tibda pastorali fost iż-żgħażagħ li jiġu Malta bħala studenti jew turisti – 58, 60;
- Ninvolvu l-familji, il-parroċċi u tant gruppi reliġjużi, volontarji u oħrajn, fil-ħidma tagħna maż-żgħażagħ – prinċipji gwida 17;
- Isiru kuntatti ma' gruppi u kummissjonijiet oħra li jaħdmu maż-żgħażagħ f'pajjiżi u fi knejjes oħra, biex ikun jista' jsir qsim ta' riżorsi u esperjenzi – prinċipji gwida 18;
- Naħdmu aktar flimkien bħala *youth ministers, youth leaders,* kollaboraturi, volontarji u oħrajn. Ikun hemm kollaborazzjoni, kordinament u komunjoni kemm jista' jkun sħiħa bejn gruppi differenti li jaħdmu b'riżq iż-żgħażagħ – prinċipji gwida 20,21.